**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.268/99***

***Pulizija***
***Sp. Raymond Zammit u David Saliba***
v
***Melaine Pisani***

Illum 7 ta' Jannar 2002

1Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputata Melaine Pisani huma, fit-termini tal-Att tar-Rinviju ta'17 ta' Awissu 2001, bazati fuq is-segwenti reati: **Approprijazzjoni Indebita u Truffa u Frodi kontinwat, jew komplicita'** fl-istess, kif **ukoll ksur tad-disposizjonijiet tal-Kap.258** – *rifferribilment ghall-5 ta' April 1999 u fl-ahhar jiem u xhur qabel din id-data*.

***Kwadru tal-fatti***
Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta li bejn l-ahhar ta' Marzu u l-bidu ta' April tas-sena 1998 certu Giovanni Conte, li f' dak iz-zmien kien jahdem fix-xoghol tal-bini, kera diversi ghodod minghand zewg stabbilimenti. Dan kien ikun fil-kumpanija tal-habiba tieghu ta' dak iz-zmien, u cioe' l-imputata.

Illi l-partecipazzjoni tal-imptata f' din l-attivita' kienet tikkonsisti fl-iffirmar tal-kuntratt tal-kirja fuq rikjesta ta' Giovanni Conte peress li dana kien qalilha li kien huwan tilef il-passaport tieghu, u ghalhekk kienet iffirmat il-kuntratt hi wara

produzzjoni tal-karta tal-identita' taghha. Hija la kienet partecipi fix-xoghol tal-imputat u lanqas fin-negozji tieghu.

Illi sussegwentement meta l-propjetarji tal-hwienet irrealizzaw li l-imsemmi Giovanni Conte ma kienx qed jonera l-kondizzjonijiet tal-kuntratti li kien ghamel maghhom huma pprovaw jikkuntatjawh, izda inutilment ghax irrizulta li huwa ma kienx qed joqghod fl-indirizz mghoti lilhom. Sar rapport lill-pulizija, u minn investigazzjoni ulterjuri li saret irrizulta li l-Conte kien biegh l-oggetti kkonsenjati lilu lill terza persuna.

Illi konsegwentement l-imputat gie pprocessat, u gie kkundannat, *inter alia,* minn din il-Qorti piena ta' disa xhur prigunerija.

Illi fid-deposizjoni taghha quddiem din il-Qorti l-imputata xehdet fis-sens li hija kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha u marret tghix waheda fi flat. Sussegwentement intaqet mal-imsemmi Giovanni Conte go bar u ftit ta' zmien wara, dana mar jghix maghha. Il-kera tal-flat kienet u baqghet thallsu hi. Sa fejn setghet tghid l-imputata, Giovanni Conte kien jghamel ix-xoghol ta' plasterer, u gieghli insertatu jahdem fuq il-land tax-xoghol. **Kien f' dawn ic-cirkostanzi li l-imputata ipprestat l-ghajnuna taghha lil Conte** sabiex jikri l-ghodod mill-imsemmija hwienet, u hi ma kienitx konsapevoli bl-intenzjoni kriminuza tieghu.

Sussegwentement hija indunat bl-ingann da parti tieghu u regghet marret tghix fid-dar tal-genituri taghha. *"Ghax indunajt li jrid juzani biss ...(omissis) ...bil-gideb, hlief gideb ma qallhix" (fol.145 et seq*.)

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-imputata kienet veritiera fid-deposizjoni taghha, stante, wkoll, li din il-versjoni taghha tinsab konfacenti mal-kumpless tal-provi. Il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni li l-partecipazzjoni materjali da parti tal-imputata fl-attivita' kriminuza kommessa minn Giovanni Conte ma kienitx akkompanjata mill-partecipazzjoni mentali da parti taghha. Fi kliem iehor ma jikkonfigurax il *'common design'* bejnha u bejn Conte, li huwa element necessarju sabiex jikkonfigura l-kuncett ta' komplicita' fl-imsemmija attivita' kriminuza.

Ghaldaqstant l-imputata ma tistax tinstab hati tal-akkuzi mressqa kontra taghha.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputata hatja skond l-akkuzi u tilliberaha minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***